# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 24**

**Rikors numru 65/22/1 JPG**

**AB**

**v.**

**CD**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill**-attur AB [l-Appellant**] fi proċeduri għal separazzjoni personali minnu istitiwiti kontra martu **l-konvenuta CD [l-Appellata]** wara li talba tiegħu għax-xoljiment *pendente lite* tal-komunjoni tal-akkwisti ġiet miċħuda b'sentenza *in parte* tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja **[l-Ewwel Qorti]** tat-13 ta' Ġunju, 2024 li sabet illi jekk tilqa' t-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-

akkwisti qabel is-sentenza tas-separazzjoni personali, l-attriċi kienet ser tbati preġudizzju sproporzjonat fit-termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.

**Daħla**.

1. B'rikors ġuramentat tal-21 ta' Marzu, 2022, għar-raġunijiet hemm premessi, l-attur talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet; tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti; tordna d-diviżjoni tal-assi komuni; tordna lill-konvenuta tirritorna l-proprjetà parafernali; tiddikjara li l-konvenuta mhix intitolata titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand l-attur u tiffissa terminu li fih il-konvenuta għandha tiġbor l-effetti personali tagħha miżmuma għand l-attur.

2. B'risposta ġuramentata tat-13 ta' Mejju, 2022 il-konvenuta laqgħet għall-azzjoni attriċi b'numru ta' eċċezzjonijiet hemm elenkati fosthom li hemm lok għas-separazzjoni personali imma għal raġunijiet unikament imputabbli lill-attur; li ma ddekaditx mid-dritt li titlob manteniment mingħand l-attur; li max-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għandha tipperċepixxi sehem ta' ġid komuni li jkun akbar minn dak peċepit mill-attur minħabba l-ħtijiet tiegħu; u eċċezzjonijiet oħra. Kontestwalment il-konvenuta ppreżentat kontrotalba fejn talbet *inter alia*

lill-Ewwel Qorti tiddikajra s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet għal raġunijiet unikament imputabbli lill-attur rikonvenzjonat.

3. Fit-8 ta' April, 2022 l-attur ippreżenta r-rikors mertu ta' dan l-appell, li jaqra kif ġej:

> "*Illi l-partijiet zzewgu fl-14 ta' Jannar 2017 gewwa Kensington &Chelsea Registry Office, Londra, Renju Unit, liema zwieg gie sussegwentement registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.*
>
> *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni personali.*
>
> *Illi wara proceduri ta' medjazzjoni l-attur gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza ta' separazzjoni personali bin-numru u fl-ismijiet premessi.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn madwar sentejn wara li zzewwgu.*
>
> *Illi inoltre l-kontendenti m'ghandhom l-ebda proprjetà immobbli bejniethom.*
>
> *Illi r-rikorrent jixtieq u ghaldaqstant qieghed jitlob illi tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejniethom ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta.*
>
> *Illi tali talba bl-ebda mod sejra jew tista' tippregudika l-interessi tal-partijiet illi jistghu jipprogettaw u jimxu 'l quddiem b'hajjithom b'mod indipendenti, b'riserva ghad-drittijiet taghhom naxxenti mill-ligi talvolta jirrizulta waqt il-kors tas-smiegh tal-kawza ta' separazzjoni personali, illi ghandhom xi jedd fil-konfront ta' xulxin.*
>
> *Illi kwindi, ma ghadx hemm skop illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet jibqa' jigi regolat permezz tal-komunjoni tal-akkwisti, gialadarba hemm proceduri ta' separazzjoni personali pendenti.*
>
> *Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi l-esponent umilment jitlob illi prevja kull provvediment necessarju, Dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*
>
> *1)Tordna, permezz ta` sentenza separata, il-waqfien tal-Kommunjoni ta' l-Akkwisti bejn il-partijiet skond l-Artikolu 55(1) et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;*

*2)Tordna illi din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5)tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

4. Il-konvenuta rrispondiet fit-12 ta' April, 2023 fejn għar-raġunijiet segwenti opponiet għal dak ir-rikors kif ġej:

"1. Illi permezz tar-rikors datat it-8 ta' April 2022, ir-rikorrent qieghed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet izzewġu fl-14 ta' Jannar 2017 gewwa Londra u illi minn dan iz-zwieġ huma ma kellhomx tfal. Izda l-esponenti tixtieq tenfasizza illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak unikament minhabba l-imgieba hazina u manipulattiva tar-rikorrent zewgha, kif sejjer jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza, illi sa' issa tinsab fi stadju bikri ta' provi attur;

3. Illi l-esponenti qeghda topponi ghal din it-talba u dana peress illi hija tal-umili fehema illi hija sejra ssofri preġudizzju mhux proporzjonat (artikolu 55(4)) bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dan ghar-raġunijiet segwenti:

a. Illi l-kaz odjern ghadu fi stadju bikri hafna stante illi kien hemm biss seduta wahda ghall-gbir tal-provi tant illi fil-prezent, l-anqas ma hemm assistent gudizzjarju mahtur sabiex jisma l-provi. Il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ghada ghalhekk ma gietx stabbilita u ghad illi ma hemm l-ebda propjeta immobbli bejn il-kontendenti, l-esponenti ma tafx x'inhuma l-assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti, illi jinkludu diversi investimenti tar-rikorrent, u kif ukoll diversi dhul ppercepiet minnu tul iz-zwieg ukoll gej minn kirjiet ta' propjetajiet tieghu ;

b. Illi in oltre u kif taf din l-Onorabbli Qorti, r-rikorrent – fid-differiment li jmiss – ghandu jipproduci dokument illi bih jispjega l-investimenti kollha illi huwa ghamel u l-movimenti tal-istess, stante illi l-ahhar illi xehed fit-28 ta' Gunju 2023, ma setghax jispjega b'mod car dawn l-investimenti u t-transazzjonijiet;

c. Illi bejn il-partijiet hemm ukoll pendenti proceduri fl-ismijiet premessi ghall-annullament taz-zwieg tal-partijiet, proceduri numru 303/21 AGV. F'dawn il-proceduri – illi eventwalment ghandhom jigu pprezentati wkoll fl-atti ta' din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa ferm izjed cara - l-esponenti qeghda f'dawn il-proceduri titlob sabiex il-Qorti tikkundanna lir-rikorrent ihallasha danni sofferti minnha, ghalhiex sabiex hija dahlet f' dan iz-zwieg il-konvenuta ghamlet sagrifficji kbar

ekonomici illi issa wasslu ghal biex, bis-separazzjoni illi gab r-rikorrent, l-esponenti spiccat soffriet telf kbir ekonomiku illi qatt ma kienet issofri kieku r-rikorrent ma nducihiex bil-kliem fierah tieghu u bil-weghdiet illi qatt ma kien fi hsiebu jonora, illi tizzewweg lill-istess rikorrent u titlaq ghal kollox il-hajja ekonomikament u socjalment stabbli illi hija gawdiet qabel iz-zwieg ;

d. Illi in oltre u wkoll fl-affidavit tar-rikorrent pprezentant fil-proceduri 303/21 AGV huwa ammetta illi kien izomm mistur l-affarijiet personali tieghu minn martu – kemm illi kellu d-dubji dwar iz-zwieg taghhom, u kif ukoll zamm mistur minnha meta l-genituri tieghu tawh somma flus;

e. Illi ukoll l-esponenti taf – ghax rat b'ghajnejha – illi tul iz-zwieg tal-partijiet r-rikorrent kien jipercepixxi kera minn ghand familja illi kienu jghixu gewwa d-dar tieghu …omissis... Dwar dan r-rikorrent ma semma xejn lil dina l-Onorabbli Qorti, la fix-xhieda tieghu, u l-anqas fid-dokumenti minnu pprezentati fl-ahhjar udjenza – liema dokumenti jinkludu lista - suppost kompluta - tal-assi u tad-dhul tieghu fil-prezent u fil-passat. B'hekk allura ghandu jkun car illi din it-talba qeghda ssir b'malizja tar-rikorrent sabiex jippregudika d-drittijiet tal-esponenti;

f. Illi kif ser jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza, l-esponenti ma tahdimx u ma hijiex kapaci tahdem , b'konsegwenza tal-agir tar-rikorrent. Dan kollu sejjer wkoll jigi kkonfermat mit-tobba kuranti tal-esponenti illi sejrin jixhdu f'dawn il-proceduri, u illi gja xehdu fil-proceduri ghall-annullament taz-zwieg tal-partijiet fl-ismijiet premessi, proceduri numru 303/21 AGV. L-esponenti ressqet ukoll talba f'dawn il-proceduri, sabiex il-konvenut ikun ordnat ihallas manteniment lill-esponenti ghall-htigijiet taghha. Minn naha l-ohra r-rikorrent huwa ghal kollox liberu illi jiggenera dhul kbir ghalih innifsu wkoll billi jghix hajja ta' lussu ma' mara ohra illi ilu maghha ghal izjed minn dawn l-ahhar sentejn;

g. Illi għalhekk f'kaz li l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrent, l-esponenti ser tigi ppregudikata stante li mhux biss l-esponenti ma tafx biċ-ċert kemm huma l-flejjes u investimenti li għandu fil-pussess tiegħu ir-rikorrent (li għad trid itella provi dwarhom), izda kif ukoll minħabba l-fatt li r-rikorrent ikun liberu illi juza flejjes li huma tal-komunjoni tal-akkwisti, possibilment bl-intendiment li dawn jiġu jidhru li tħallsu mir-rikorrent biss;

h. Illi l-esponenti taf biss dwar x'assi hemm fil-komunjoni tal-akkwisti meta kienet issib xi karta tigri 'l hemm u 'l hawn fid-dar matrimonjali jew minn dak li qalilha r-rikorrent. Għalhekk l-esponenti ferm tibza li din it-talba qegħda ssir f'dan l-istadju u b'mod prematur sabiex l-esponenti tiġi ppreġudikata minn sehma mill-komunjoni tal-akkwisti;

4. Illi ssir referenza ghas-sentenza in parte fl-ismijiet SB vs LB deċiza minn din l-Oorabbli Qorti kif diversament ippresjeduta, fliema sentenza l-qorti kienet rreferit għas-sentenza Dr X T pro et noe vs Dr Y R deċiza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Ġunju 2018 fejn intqal illi: "Il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u hija tal-fehma, naturalment bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, illi fl-eventwalità li tali talba tigi akkolta f'dan l-istadju u eventwalment fis-sentenza finali jirrizulta li l-allegazzjoni tal-attrici fir-rigward hija fondata, hemm ir-riskju illi fil-frattemp il-konvenut, wara li jkun ottjena x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite, juza l-allegati fondi mohbija tal-komunjoni u jakkwista proprjetà parafernali fl-esteru li l-attrici mhux biss ma jkollha l-ebda dritt dwarha izda jkun difficli ghaliha illi tirrintraccaha . Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni Rik. Nru. 206/2020/2 AL tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-attrici."

5. Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza in parte mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet RA vs AA datata 21 ta' Novembru 2018 fejn ġie ritenut illi:- "Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficili ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. .... Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-intimata".

6. Illi hekk ukoll, il-mandati ta' inibizzjoni mahsuba fil-ligi sabiex iwaqfu parti mizzewga milli taghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti, ma jkunux jistghu jintuzaw sabiex jiprotegu il-jeddijiet tal-esponenti, kemm il-darba ma tibqax fis-sehh l-istess komunjoni;

7. Illi l-ligi tghid illi din it-talba ma ghandha qatt tintlaqa kemm il-darba parti tkun sejra tbati pregudizzu mhux proporzjonat. L-esponenti hawn fuq elenkat diversi ragunijiet illi maduda flimkien jirraprezentaw il-gid kollu komuni tal-kontendenti u wriet f'dina r-risposta illi dak il-kollu jigi pregudikat kemm il-darba din it-talba tintlaqa.

Għaldaqstant, f'dan l-istadju, t-talba tal-attur għandha tiġi miċħuda."

5. B'sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2024 l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors tal-attur tat-8 ta' April, 2022 wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

> "Illi ghalhekk bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu preguddizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.
>
> L-intimata fil-kas odjern, qieghda toggezzjona ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u ssostni illi hija sejra ssofri pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti il-ghaliex l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ghadha ma gietx stabbilita, u ghalkemm m'hemm l-ebda propjeta immobbli bejn il-kontendenti, l-intimata ma tafx x'inhuma l-assi li jappartjenu l-komunjoni ghaliex dawn qed jinzammu mistura minnha u tali talba qieghda biss issir b'malizja sabiex jippregudika d-drittijiet tal-intimata. Izzid illi hi kienet tkun taf bl-ezistenza ta' xi assi partikolari meta kienet issib xi karta tigri fid-dar matrimonjali.
>
> (...)
>
> In vista tal-ligi u tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghalihom, din il-Qorti tikkonsidra jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-intimata humiex:
>
> **1. Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u**
>
> **2. Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.**
>
> Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet.
>
> Illi fit-trattazzjoni, l-attur sostna illi l-bazi li fuqha tistrieh l-oggezzjoni tal-intimata kienet unikament illi fl-istadju li fih tressqet ir-risposta taghha ma kienx hemm provi fir-rigward il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi fil-frattemp pero', l-attur prezenta affidavit, xehed viva voce u tressqu x-xhieda kollha relattiva ghall-assi formanti parti mill-komunjoni, u kif ukoll giet esebita dokumentazzjoni kopjuza mill-attur. Illi minn naha l-ohra l-intimata ssottomettiet illi d-dokumenti

ezebiti huma dokumenti ezebiti mill-attur u ghalhekk huma dokumenti li l-attur qies li ghandhom jigu ezebiti u mhux minn sors ufficcjali u indipendenti.

Din il-Qorti gharblet u ezaminat il-provi sa issa migjuba u s-sottomissjonijiet tal-partijiet u evalwat bir-reqqa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ser jirreka pregudizzju ghal xi wahda mill-partijiet, pregudzzju tali li jikkwalifika bhala 'mhux proporzjonat. Hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi, in vista tal-allegazzjonijiet serji maghmula mill-intimata inkluz il-habi tal-assi, investimenti u dhul tal-intimat, u l-fatt li effettivament **l-i*statements* ezebiti mill-attur huma *statements* ezebiti ex parte u mhux minn sors originali u indipendenti,** ma tqisx illi jkun ghaqli illi f'dana l-istadju tal-proceduri tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, meta dan jsarraf ghall-pregudizzju sproporzjonat ghall-intimata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-attur ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.**"

6. B'rikors tal-appell tal-21 ta' Ġunju, 2024, għar-raġunijiet hemm mogħtija, l-attur talab lil din il-Qorti " … tirrevoka, tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement tordna l-waqfien tal-Kommunjoni tal-Akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 (1) *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna wkoll illi s-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55 (5) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta."

7. B'risposta tad-29 ta' Lulju, 2024, il-konvenuta, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għall-appell tal-attur.

8. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12.**

**L-Appell**.

9. L-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti kif ukoll tal-liġi. Jirreferi għall-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti li ssejset fuq l-allegazzjonijiet tal-konvenuta li l-attur ħeba l-assi, l-investimenti u d-dħul kif ukoll fuq il-konsiderazzjoni illi "l-i*statements* esebiti mill-attur huma *statements* esebiti ex parte u mhux minn sors oriġinali u indipendenti" u jissottometti illi tali kunsiderazzjoni hija nieqsa minn raġunament li jista' jwassal għall-konvinċiment morali li l-konvenuta tista' ssofri preġudizzju sproporzjonat. Jgħid li l-Ewwel Qorti qagħdet fuq l-allegazzjonijiet tal-konvenuta u skartat il-fatt illi l-attur ippreżenta "serje dettaljat ta' dokumentazzjoni li jirrappreżentaw l-assi tiegħu." Jgħid li l-provi dokumentarji minnu ppreżentati huma kollha dokumenti uffiċjali u għalhekk mhux minnu li l-i*statements* mhumiex sors oriġinali u indipendenti. Jirreferi għar-rappreżentanti tal-banek lokali li xehdu u ppreżentaw *statements* tal-assi tal-attur. Dwar depożiti bankarji fir-Royal Mint, Lloyds Bank, Londra u Royal Dutch Shell, jissottometti illi l-i*statements* relattivi ġew ippreżentati mill-attur taħt ġurament. Jinsisti illi bil-fatt li ma ġewx ippreżentati minn rappreżentanti ta' dawk il-banek esteri ma jagħmlux il-prova dokumentarja invalida.

10. Jissottometti illi l-i*statements* tal-banek esteri huma fiċ-ċirkostanzi l-aħjar prova u li l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidrhom bħala provi ammissibbli ġialadarba ma waslitx għal xi konklużjoni li dawn huma dokumenti ffalsifikati jew b'xi mod imbabsa. Jisħaq illi dak li l-appellata ddikjarat fir-risposta tagħha, b'oppożizzjoni għal dan ir-rikors tiegħu, li l-proċeduri kienu għadhom fi stadju bikri ħafna lura fit-12 ta' April 2022 ma jistax jiġi applikat għas-sena 2024 meta ngħatat is-sentenza appellata. Jgħid illi huwa ppreżenta "numru voluminuż ta' *statements* li jirriflettu u jikkostitwixxu l-assi tiegħu" u fit-23 ta' April, 2024 ippreżenta nota li permezz tagħha ddikjara li m'għandux aktar provi x'jippreżenta; dikjarazzjoni li reġa' għamel fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2024 quddiem l-assistent ġudizzjarju. Jissottometti illi l-argument tal-konvenuta illi l-Qorti ma kelliex stampa ċara tal-assi tal-attur ma jreġġix. Jilmenta li l-Ewwel Qorti tat piż l-allegazzjoni mhux korroborata tal-konvenuta u skarat għal kollox il-valur probatorju tad-dokumentazzjoni ppreżentata mill-attur. Jargumenta illi jekk dawk il-provi dokumentarji m'għandhomx valur probatorju għall-finijiet tat-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ser iwassal għal sitwazzjoni fejn m'għandhomx lanqas valur probatorju meta l-Qorti tiġi sabiex tillikwida u tassenja l-assi formanti l-komunjoni.

11. Jilmenta illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi jekk tilqa' t-talba tiegħu "dan isarraf għall-preġudizzju sproporzjonat" għall-konvenuta mingħajr ma tat ebda raġuni jew ġustifikazzjoni.

12. Il-konvenuta appellata min-naħa tagħha tilqa' għal dan l-appell billi tissottometti illi għadha ma ġietx stabbilita l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet li jinkludu diversi investimenti tal-attur kif ukoll diversi dħul ipperċepit minnu tul iż-żwieġ. Tisħaq illi bis-separazzjoni, illi skontha hija tort tal-attur, "sofriet telf kbir ekonomiku" peress li sabiex iżżewġet lill-attur hija telqet "għal kollox ħajja ekonomikament u soċjalment stabbli illi gawdiet qabel iż-żwieġ". Tgħid illi hija ma taħdimx u ma hix kapaċi taħdem "b'konsegwenza tal-aġir tar-rikorrent".

13. Tirreferi għal dak li l-attur jgħid diversi drabi fir-rikors tiegħu illi l-konvenuta ma ressqitx provi dwar l-allegazzjonijiet tagħha u tissottometti illi ġialadarba l-Leġiżlatur illeġiżla illi t-talba għal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti setgħat issir "f'kull żmien", allura anke fil-bidu tal-kawża, ifisser illi l-Qorti tista' tqis illi ma hijiex sodisfatta li parti jew oħra ma tkunx sejra tbati preġudizzju sproporzjonat u huwa inutili li wieħed jgħid sabiex iġġib il-provi. Għaliex il-Leġiżlatur qatt ma seta' basar illi jkun hemm il-provi fil-bidu tal-kawża. Tissottometti illi l-leġisltaur jikkontempla biss illi jkun hemm raġuni illi tagħti lok għall-preġudizzju

mhux proporzjonat u fl-ebda ħin ma jsemmi l-Leġiżlatur illi għandha tinġieb "prova" dwar daqshekk.

14. Tissottometti bla preġudizzju, illi kien biss fit-3 ta' Ġunju, 2024 li l-attur għalaq il-provi tiegħu u sa issa l-konvenuta ma kellhiex l-opportunità tressaq il-provi tagħha.

15. Dwar il-provi dokumentarji mressqa mill-attur dwar id-depożiti u investimenti tiegħu fl-esteru, l-appellata tgħid illi dawn mhumiex l-aħjar prova peress li l-attur naqas milli jressaq bħala xhieda r-rappreżentanti tal-banek esteri bis-saħħa tal-Artikoli 613 *et seq* tal-Kap. 16. Kif lanqas huma l-aħjar prova ir-rendikonti dwar investimenti, ishma, *dividends* u dħul ieħor ipreparati mill-attur. Tissottolinea illi l-attur naqas milli jressaq provi dwar id-dħul minn kirja li huwa għandu fl-Ingilterra kif ukoll dwar kirja oħra li għandu f'Malta.

16. Tisħaq l-appellata illi dan kollu jwassal għall-preġudizzju mhux proporzjonat għaliha "illi wkoll ma tibqax entitolata għall-introjtu ġej mill-kirjiet tal-proprjetajiet tal-appellant".

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

17. Skont il-Kodiċi Ċivili, waqt is-smigħ ta' kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fejn tintalab il-firda personali ta' bejn il-

miżżewġin, kull parti tista’, f’kull żmien matul is-smigħ, titlob lill-Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta’ residwu taħt amministrazzjoni separata, qabel is-sentenza finali. Mhux meħtieġ li l-parti li titlob ordni ta’ waqfien tal-komunjoni fil-mori tal-kawża tkun il-parti li talbet il-firda personali jew ix-xoljiment tal-komunjoni. L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni għandha tingħata b’sentenza li minnha kull parti għandha l-jedd illi tappella mingħajr il-ħtieġa ta’ permess tal-Qorti. (**Art. 55 (1) (2), Kodiċi Ċivili**).

18. Mhux applikabbli wkoll għal din ix-xorta ta’ sentenzi dak li jipprovdi **Artikolu 231 tal-Kodiċi ta’ Organizzazjoni u Proċedura Ċivili** illi meta f’kawża jinqatgħu b’sentenzi separati, jista’ jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza. Jidher illi fejn jirrigwarda kawżi għall-firda personali, il-Leġiżlatur ried illi fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, il-partijiet jingħataw il-fakultà li jibdew jiġġestixxu l-aspett finanzjarju ta’ ħajjiethom daqs li kieku s-separazzjoni ġià ġiet pronunzjata.

19. Jekk isir appell, l-ordni ta’ waqfien ikun eżegwibbli mal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Jekk ma jsirx appell minn tali sentenza *in parte*, dik is-sentenza *in parte* ssir finali u *res judicata*, kif jiskadi t-terminu tal-appell. Fiż-żewġ ċirkostanzi s-sentenza tibqa’ enforzabbli u

*res judicata* saħansitra anke jekk il-kawża għal firda tiġi eventwalment ċeduta jew għal xi raġuni ma titkompliex. F'tali ċirkostanza l-komunjoni tibqa' xolta mingħajr dikjarazzjoni ġudizzjarja tal-firda personali u fl-assenza tal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi komuni. (**Art. 55 (3), Kodiċi Ċivili**).

20. Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni, l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tqis jekk b'tali ordni xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda. Isegwi illi mhux kull preġudizzju huwa ta' ostakolu għall-waqfien permanenti tal-komunjoni pendenti l-kawża tal-firda. Jeħtieġ illi l-preġudizzju jkun sproporzjonat, "disproportionate prejudice" fit-test Ingliż. (**Art. 55 (4), Kodiċi Ċivili**).

21. Mhux meħtieġ li min iressaq talba bis-saħħa ta' Artikolu 55 tal-Kap. 16 iressaq ukoll raġuni għal tali talba. Kif inżamm mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **DLB v. ML** mogħtija fit-30 ta' Ottubru, 2015:

> " ... l-eżami li hu rikjest mil-liġi għad-determinazzjoni ta' tali talba, ma jirrigwardjax ir-raġuni wara tali talba, iżda jirrigwardja l-punt jekk bl-akkoljiment ta' tali talba fl-istadju li tkun maghmula "xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat""

22. Sabiex jikwalifika bħala preġudizzju sproporzjonat li jwassal għaċ-ċaħda tat-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, jeħtieġ li tali

preġudizzju jkun antiċipat bħala riżultat dirett tal-fatt li ser iseħħ **qabel** id-dikjarazzjoni tal-firda, minflok kontestwalment mal-firda.

**23. Mod ieħor, jekk il-preġudizzju riskontrat ma jkunx minħabba t-terminazzjoni aċċellerata qabel il-firda, allura ma jikkwalifikax bħala preġudizzju fit-termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.**

24. Hekk ukoll, mhux kull preġudizzju marbut mal-fatt li t-terminazzjoni tal-komunjoni ser isseħħ qabel id-dikjarazzjoni tal-firda jissodisfa l-kweżit impost b'Artikolu 66. Biex it-talba tgħaddi b'suċċess l-aħħar għarbiel, jeħtieġ li tali preġudizzju ikun mhux biss marbut dirett mad-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni aċċellerata tal-komunjoni tal-akkwisti, imma wkoll li ma hux preġudizzju sproporzjonat (fit-test Ingliż: *disproportionate prejudice*) fuq il-parti li ma talbitx it-terminazzjoni aċċellerata. Il-liġi hija siekta dwar x'jikkostitwixxi preġudizzju sproporzjonat u għalhekk huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tqis, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, jekk il-preġudizzju li parti tkun ser issofri jkunx tali li jxaqleb il-miżien lejn iċ-ċaħda tat-talba għat-terminazzjoni aċċellerata.

25. Din il-Qorti ma tqisx illi bil-fatt waħdu li fil-jum li l-Qorti tittermina l-komunjoni ma jkunx għad hemm qbil jew sentenza dwar il-konsistenza tal-assi komuni, għandu jkun ta' xkiel għall-akkoljiment tat-talba in

diżamina. Sakemm ma jiġix muri illi l-waqfien aċċellerat tal-komunjoni jista' jwassal għall-movimenti u ħabi tal-assi komuni li mhux possibbli jiġi evitat bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, allura talba bħal dik in diżamina għandha tiġi akkolta. Kif inżamm mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **DLB v. ML** mogħtija fit-30 ta' Ottubru, 2015:

> " … il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi għall-futur u mhux għal dawk l-assi li diġà daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attriċi."

26. Ġie miżmum ukoll illi l-oneru tal-prova li t-terminazzjoni aċċellerata ser iġġib "preġudizzju mhux proporzjonat" jaqa' fuq min jallega dik ix-xorta ta' preġudizzju u mhux fuq min jitlob it-terminazzjoni, u dan *in linea* mal-massima *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. B'mod ġenerali t-terminazzjoni tal-komunjoni ġġib benefiċċju anke lil min jopponiha in kwantu b'effett tagħha jiġi evitat li xi parti jew oħra tagħmel dejn li 'l quddiem jista' jiġi addebitat lill-komunjoni. (ara **DM v. DPM** - Qorti tal-Appell - 28 ta' Marzu, 2015).

27. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza fuq riferita għall-appell odjern, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi s-sentenza appellata ma ngħatatx appena l-partijiet dehru quddiem l-Ewwel Qorti imma wara li l-kawża kienet ilha aktar minn sentejn istitwita, wara li l-attur appellant ressaq il-

provi kollha tiegħu u wara li l-konvenuta appellata kellha kull opportunità li tagħmel il-kontroeżami sew lill-attur kif ukoll lix-xhieda minnu prodotti.

28. Dwar is-sottomissjoni tal-appellata fir-risposta tagħha illi jekk it-talba tal-attur għat-terminazzjoni aċċellerata tiġi akkolta hi ser tbati preġudizzju sproporzjonat peress li għadha ma ġietx stabbilità l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet; din il-Qorti tqis tali sottomissjoni bħala li ma hix fejjieda. Bir-raġunament tal-appellata, talba taħt Artikolu 55 għandha tiġi deċiża flimkien jew wara t-talba għal-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, għaliex b'tali sentenza biss jista' jitqies li ġiet stabbilita l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan ċertament ma kienx il-ħsieb tal-Leġiżlatur meta ntroduċa t-terminazzjoni tal-kawża filwaqt li l-kawża tas-separazzjoni personali għadha pendenti. L-ebda sub-inċiż tal-Artikolu 55 ma jipprovdi remotament f'din id-direzzjoni.

29. **Qabel l-emendi bl-Att XIV tal-2014** Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili kien jaqra kif isegwi:

> "(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu ta' amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa;
>
> (2) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.

> (3) Kull ordni mogħti mill-qorti skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."

30. **Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ġie emendat bl-Att XIV tal-2014** bis-setgħa mogħtija lill-Qorti illi f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża, fuq talba ta' waħda jew l-oħra mill-partijiet, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata. B'dik l-emenda l-ħsieb tal-Leġiżlatur huwa ċar. Ta lill-miżżewġin li qegħdin f'kawża ta' separazzjoni personali l-jedd li jitolbu ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni fil-mori tal-kawża mingħajr il-ħtieġa li f'dak l-istadju tingħata wkoll sentenza dwar il-firda personali. Tali intenzjoni hija msaħħa minn dak li s-sub-inċiż 3 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-ordni ta' ċessazzjoni li għaddiet in ġudikat tibqa' tgħodd anke fl-eventwalità li s-smigħ tal-kawża għal separazzjoni personali ma jitkompliex u la jkun hemm deċiżjoni dwar il-firda personali u lanqas dwar il-likwidazzjoni u qsim tal-beni komuni.

31. L-appellata ma seħħilhiex tipprova illi bit-terminazzjoni tal-komunjoni ser jinħoloq preġudizzju sproporzjonat għaliha fil-ġbir tal-provi. Din il-Qorti eżaminat il-provi li nġabru sa issa quddiem l-Ewwel Qorti u osservat il-kwantità estensiva ta' provi mressqa mill-attur, sew dwar depożiti f'banek lokali kif ukoll f'banek fl-esteru *oltre* l-affidavit tiegħu[1] u dokument dettaljat ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2023,

[1] Fol. 178 *et seq.*

ippreparat mill-istess attur dwar l-aspett finanzjarju tal-mertu tal-kawża nkluż dettalji dwar investimenti u proprjetà sew f'Malta kif ukoll fl-esteru.[2]

32. Fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2024 reġa' xehed l-attur fuq domandi li sarulu mill-Ewwel Qorti. Il-kawża tħalliet għat-8 ta' April, 2024 fl-10:00am għall-kontroeżami tal-attur mil-legali tal-konvenuta kif ukoll għat-trattazzjoni tar-rikors mertu ta' dan l-appell. Waslet is-seduta tat-8 ta' April, 2024 u mingħajr ebda spjegazzjoni l-legali tal-konvenuta dehret għas-seduta iżda ma għamlet l-ebda domandi lill-attur u minflok l-avukati tal-partijiet ittrattaw ir-rikors imsemmi u l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-talba tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għat-3 ta' Ġunju, 2024.

33. Din il-Qorti għalhekk issib l-ilment tal-appellanti li l-komunjoni tal-akkwisti m'għandhiex tiġi terminata f'dan l-istadju għaliex mhux magħrufa l-konsistenza tal-assi ereditarji bħala mhux fejjiedi. Jekk il-konvenuta kellha xi kontestazzjoni x'tagħmel dwar il-provi voluminużi u dettaljati mressqa mill-attur dwar l-assi tal-komunjoni, kellha kull opportunità li tikkontroeżamina lill-attur fis-seduta tat-8 ta' April, 2024. Skont il-verbal ta' dik is-seduta, l-avukat tal-konvenuta la talbet li tagħmel il-kontroeżami u lanqas talbet li jsir f'seduta oħra qabel ma

[2] Fol 337 : prospett ta' tmien (8) paġni anness miegħu numru ta' bank statements.

tingħata s-sentenza appellata, imma pparteċipat fit-trattazzjoni tar-rikors in diżamina u r-rikors tħalla għas-sentenza. Huwa bla ebda fondament legali l-argument tal-appellata illi għad hemm assi mistura u li ser tkun kapaċi tirrintraċċjhom biss jekk il-komunjoni ma tiġix terminata. L-istess dwar id-dħul li l-appellant għandu minn proprjetà sew f'Malta kif ukoll fl-esteru. Prova dwar dak id-dħul għadha tista' ssir, jekk mhux diġà saret, irrispettivament mix-xoljiment tal-komunjoni. Ix-xoljiment tal-komunjoni ma hu ser ikollu l-ebda impatt fuq il-konsistenza tal-assi komuni ta' bejn il-partijiet.

34. Din il-Qorti, b'differenza tal-Ewwel Qorti, ma rriskontratat l-ebda preġudizzju sproporzjonat fuq il-konvenuta bil-fatt tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet f'dan l-istadju tal-kawża.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda,

1. Tilqa' l-appell tal-attur tal-21 ta' Ġunju, 2024;

2. Tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi tat-13 ta' Ġunju, 2024;

3. Tilqa' r-rikors tal-attur tat-8 ta' April, 2022;

4. Tordna, bis-saħħa tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet;

5. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun, a spejjeż tal-attur, notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

6. Bl-ispejjeż tas-sentenza appellata u ta' din is-sentenza a karigu tal-konvenuta appellata.

Tordna li l-atti ta' din il-kawża jiġu rimessi lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jitkompla s-smigħ.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
da